# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 25 ta' Novembru 2019**

**Talba numru 122/2019SFJ**

**SENTENZA PARZJALI**

***J. Grima & Co. Limited (C16863)***
***vs.***
***Frank Borda Limited (C446)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat mis-soċjetà attriċi fil-31 ta' Mejju 2019. Fil-qosor, il-kontenut tal-Avviż tat-Talba huwa dan:

- Is-soċjetà konvenuta talbet lis-soċjetà attriċi tinstalla sistema ta' serraturi versu l-prezz ta' elf u disa' mija u ħamsa u erbgħin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€1,945.22), liema ammont jinkludi l-interessi kummerċjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%).

- Is-soċjetà attriċi baqgħet ma tħallsitx għas-servizzi relattivi nonostante interpellazzjonijiet, fosthom ittra uffiċjali *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra uffiċjali ġiet ikkontestata skont l-istess Art. 166A.

- Għalhekk, is-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont indikat, inklużi l-interessi.

- It-Tribunal huwa mitlub jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas mhux biss l-ammont relattiv iżda anki l-ispejjeż tal-kawża, l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali relattiva u l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tas-soċjetà konvenuta ippreżentata fit-28 ta' Ġunju 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

- Illi t-talbiet relattivi huma preskritti *ai termini* tal-Art. 2148(a) u 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili.

- Illi mingħajr preġudizzju u *in subsidium* u fil-mertu, l-ammont mitlub mhux dovut stante li s-soċjetà attriċi naqset li tipprovdi s-sistema ta' *locks* li kienu mitluba u għalhekk is-sistema installata ma tilħaqx l-għan li kellha tilħaq.

- Illi mingħajr preġudizzju u *in subsidium* u fil-mertu, l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi jinkludi anki ammonti mitluba għal oġġetti li kienu ipprovduti mis-soċjetà konvenuta stess.

- Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni relattivament għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li saret fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2019 u ra li l-kawża tħalliet għal sentenza parzjali rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għall-25 ta' Novembru 2019.

**<u>Provi ippreżentati rigward l-ewwel eċċezzjoni</u>**

Id-dokument A (fol. 6) ippreżentat mis-soċjetà attriċi in sostenn tal-Avviż tat-Talba huwa datat 12 ta' Diċembru 2016.

Id-dokument Ċ (fol. 9), jindika li l-ittra uffiċjali *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li ġiet ippreżentata fl-ismijiet premessi hija innumerata 697/2019 u ġiet ippreżentata fl-1 ta' Marzu 2019. Ir-risposta tas-soċjetà konvenuta ġiet ippreżentata fl-20 ta' Marzu 2019.

Fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2019 xehed **Paul Borda**, *managing director* fi ħdan is-soċjetà konvenuta. Taħt ġurament, Borda xehed li kien bagħat ordni lil Claude Grima (direttur fi ħdan is-soċjetà attriċi) għal numru ta' ċwievet tat-tip *master key* jew ta' tip simili li kienu ser jintużaw għal blokk ta' seba' appartamenti fil-Kalkara. L-ordni kienet għal ċavetta għal Frank Borda u oħra għax-xhud stess u dik l-ordni saret fit-2 ta' April 2015. Meta twaħħlu s-serraturi kollha irriżulta li dawn iċ-ċwievet speċjali ma setgħux jiftħu s-serraturi kollha kif suppost kienu jagħmlu. Borda ikkonferma li nonostante, is-soċjetà konvenuta rċeviet *invoice* fit-12 ta' Diċembru 2016. Ix-xhud insista li l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi ma kienx dovut billi l-iskop taċ-ċwievet speċjali kien li jkunu jistgħu jiftħu l-bibien kollha fil-blokk tal-appartamenti iżda ċ-ċavetta li kellha tinżamm mix-xhud ma kinitx taħdem. Ix-xhud ikkonferma li sad-data tal-udjenza, il-problema kienet għadha mhux solvuta.

Fil-kontro-eżami, Borda kompla jixhed li din ma kinitx *retail purchase* iżda ordni tramite l-*internet* u li mingħajr dak li kellhom bżonn mingħand is-soċjetà attriċi, il-proġett ma setax isir. Fi kliem ieħor, is-soċjetà konvenuta talbet *tailor-made service*. Ix-xhud ikkonferma li sabiex isir ix-xogħol mis-soċjetà attriċi, billi qatt ma kienet saret *site visit*, kien hemm bżonn li xi dettalji, jew *specifications*, jingħataw lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2019 xehed **Claude Grima**, li huwa direttur tas-soċjetà attriċi. Taħt ġurament, huwa spjega li s-soċjetà konvenuta kienet talbet *customised system* li kienet tmur oltre minn sempliċi *master keys*. Huwa qal li deherlu li kienet saret *site visit* u wara s-*site visit* intbagħtet *e-mail*. Ix-xhud kompla jgħid li l-materjal li ntuża kien skont dak li tniżżel fl-*invoice*, jiġifieri madwar ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) prodotti fis-sens materjali u madwar ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) servizz. Is-soċjetà konvenuta ngħatat ċwievet u ċilindri ordnati speċifikament għalihom iżda mbagħad, l-armar tal-apparat kien jikkwalifika bħala servizz. Grima irrefera għal *master key number two* li kienet issemmiet minn Borda fix-xhieda tiegħu u spjega li din il-*master key* qatt ma kienet ġiet ordnata. Grima kompla jixhed li l-partijiet qablu fuq dak li kellu jsir fil-5 ta' April 2016 u qal ukoll li skont l-*invoice*, il-proġett tlesta fil-21 ta' Ottubru 2016.

Fil-kontro-eżami, ix-xhud qal li l-*completion date* tax-xogħlijiet kienet it-12 ta' Ottubru 2016 u mbagħad spjega l-mod kif kienu jaħdmu ċ-ċwievet relattivi.

## Konsiderazzjonijiet

Din hija sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mis-soċjetà konvenuta. L-artikoli tal-liġi ċitati in sostenn ta' din l-eċċezzjoni huma l-Art. 2148(a) u l-Art. 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili. L-Art. 2148 huwa ċar fis-sens li jistabbilixxi preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar.

Il-paragrafu (a) tal-istess artikolu jistabbilixxi li huma preskritti bid-dekors ta' tmintax-il xahar "*azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi,bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jewtal-materjal li jfornu*".

Min-naħa l-oħra, il-paragrafu (b) tal-istess artikolu jistabbilixxi l-istess perjodu ta' preskrizzjoni għal "*azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut*".

It-Tribunal josserva illi:

- L-att promotur ġie ppreżentat **fil-31 ta' Mejju 2019**.
- L-*invoice* li tinsab fol. 6 tal-proċess inħarġet **fit-12 ta' Diċembru 2019**.
- L-istess *invoice* tindika "*Installations & rekeying of cylinders Kalkara 21/01/2016-3, 11/05/2016 – 1112/10/2016*".

- Fix-xhieda tiegħu, Claude Grima, direttur tas-soċjetà attriċi, l-ewwel xehed li l-proġett tlesta **fil-21 ta' Ottubru 2016** u fil-kontro-eżami xehed li l-proġett tlesta **fit-12 ta' Ottubru 2016**.

- Ġiet ippreżentata ittra uffiċjali (Art. 166A) mis-soċjetà attriċi **fl-1 ta' Marzu 2019** u ġiet ippreżentata risposta fl-atti tal-ittra uffiċjali relattiva mis-soċjetà konvenuta **fl-20 ta' Marzu 2019**.

It-Tribunal sejjer jieħu d-data tat-tlestija tax-xogħlijiet bħala **l-21 ta' Ottubru 2016** u għalhekk id-data li minnha 'l quddiem setgħet tkun eżerċitata din l-azzjoni.

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet ***Andrew Agius et vs. Awtorità għat-Trasport f'Malta***[1] fejn il-Prim' Awla spjegat fuq liema mill-partijiet jinkombi d-dmir li jipprova l-preskrizzjoni eċċepita. Il-Prim' Awla qalet hekk:

> "*Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe" din il-Qorti rriteniet illi –*
>
> > *"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*
>
> *(ara wkoll "Holland noe vs Chetcuti" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000; "Vella vs Cefai" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001; "Portelli vs Psaila" - Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003; "Causon noe vs Sheibani" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "Camilleri vs Frendo" (Kollezz. Vol. XII.144); "Borg vs Testaferrata Bonici" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).*
>
> *In partikolari fis-sentenza "Causon vs Sheibani noe" il-Qorti qalet illi –*
>
> > *"min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".*
>
> *Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "Calleja vs Vella" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).*"

[1] Rikors Ġuramentat 889/09 deċiż fit-30 ta' Novembru 2015.

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet ***Evan Balzan vs. Mary Grace Farrugia***[2] li fiha l-Qorti tal-Appell ikkwotat din il-ġurisprudenza li tispjega l-Art. 2148(a) u 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili ċitati fl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni:

> "*Kif spjegat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza riportata a Vol. XLII P III p 1151, il-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148(a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom, filwaqt li fil-kaz tal-Artikolu 2149(a) il-preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – opus – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet;*
>
> *Din l-ahhar disposizzjoni - Artikolu 2149(a) – tiddistingwi ruhha mbaghad mill-Artikolu 2148(b) fis-sens li dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur tal-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. Ara f' dan is-sens "Lawrence Formosa et -vs- Anthony Borg proprio et nomine", Appell, 27 ta' Jannar 1997. Forsi d-decizjoni li l-aktar hi attinenti ghall-kaz in specje hi dik riportata a Vol. XXXVIII P III p 710. Fiha infatti ntqal dan:-*
>
>> *"Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi ghall-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali"; (Langdale Limited vs. Jon David Limited deciza App. Inf. 03/11/2004).*"

Huwa ovvju mill-atti li dan il-każ ma jirrigwardax *retail purchase* fis-sens li s-soċjetà konvenuta ma xtratx oġġett jew oġġetti lesti *off-the-shelf* iżda sistemi magħmula għaliha appożitament kif ukoll is-servizzi kollha konnessi mas-sistema. It-Tribunal assolutament ma jaqbilx li ċ-ċwievet ikkonsenjati lis-soċjetà konvenuta kienu *off-the-shelf*. Anzi, mill-provi mressqa huwa evidenti li dawn iċ-ċwievet (kemm jekk ħadmu kif ukoll jekk ma ħadmux) kienu magħmulin appożitament għas-sistema rikjesta mis-soċjetà konvenuta. Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, l-Art. 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili mhux applikabbli għal dan il-każ.

Għalhekk, it-Tribunal irid jeżamina jekk jistax ikun applikat l-Art. 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili.

It-Tribunal osserva li sar l-argument li l-Art. 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili ma jkoprix *locatio operis*. L-istitut tal-*locatio operis* huwa irregolat permezz tal-Art. 1633 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid: "*Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu inkella li jagħti wkoll il-materjal.*"[3]

---

[2] Appell Ċivili numru 474/2011/1 deċiż mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2015.

[3] Ara ***Evan Balzan vs. Mary Grace Farrugia*** (Appell Ċivili numru 474/2011/1 deċiż mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2015.)

Meta t-Tribunal jorbot il-pronunzjamenti suċitati mal-fatti ta' din il-kawża, joħroġ ċar li s-soċjetà konvenuta ordnat sistema partikolari għall-bżonnijiet tagħha u mhux affarijiet *off-the-shelf*. Fil-fatt, iż-żewġ xhieda li tressqu sa dan il-punt qablu li l-kwistjoni hija dwar sett ta' *master keys* jew ċwievet simili li saru appożitament (*tailor-made*) għall-blokk tal-appartamenti fil-Kalkara. Fil-*locatio operis*, il-persuna mqabbda tagħti l-prodott tax-xogħol. F'dan il-każ ċertament hemm prodott tax-xogħol tant li sabiex isir is-servizz, kien hemm bżonn *specifications* jew informazzjoni dettaljata li kellhom jiġu ipprovduti mis-soċjetà konvenuta. Għalkemm ix-xhieda ma qablux bejniethom jekk saritx *site visit* jew le, huwa ċar li ċ-ċwievet kellhom jinħadmu speċifikament għal dan il-blokk ta' appartamenti.

Għalhekk, billi l-Art. 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn jingħata l-prodott tax-xogħol, it-Tribunal jikkonkludi li l-azzjoni *de quo* ma tinsabx preskritta skont l-artikoli tal-liġi msemmija fir-Risposta.

## Deċide

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad l-eċċezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

It-Tribunal jirriżerva li jipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**